IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2020
COM(2020) 732 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

li jivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE

{SWD(2020) 269 final}

Sommarju Eżekuttiv

1 INTRODUZZJONI 3
2 SFOND TAL-INTERVENT 3
3 METODU 3
4 ANALIŻI 4
4.1 Implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri 4
4.2 Parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-ħruġ ta' oqsma ġodda għall-ħruġ ta' liċenzji 4
4.3 Assenjazzjoni tal-awtorità kompetenti 4
4.4 Verifika indipendenti tal-operazzjonijiet ta' sikurezza barra mill-UE 5
4.5 Arranġamenti għall-involviment tal-ħaddiema fil-prevenzjoni ta' aċċidenti kbar, relatati mal-protezzjoni tal-informaturi u l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni tripartitika 5
4.6 Trasparenza dwar ir-rappurtar tal-inċidenti – ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rappurtar tal-aċċidenti 5
4.7 Tħejjija għall-emerġenzi u arranġamenti għar-rispons 6
4.8 Disponibbiltà ta' penali dissważivi għall-ksur tad-dmirijiet 6
4.9 Responsabbiltà, talbiet għal kumpens u garanzija finanzjarja tal-produtturi taż-żejt u tal-gass offshore 7
4.9.1 Responsabbiltà 7
4.9.2 Trattament tat-talbiet għal kumpens 8
4.9.3 Implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-effettività tar-regoli tagħhom 9
4.10 Dekummissjonar tal-installazzjonijiet 10
4.10.1 Id-Direttiva u d-dekummissjonar 10
4.10.2 Il-Konvenzjoni ta' Oslo u ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR) 10
4.10.3 Konklużjonijiet u opzjonijiet biex wieħed jipproċedi 11
4.11 Rikonoxximent reċiproku tal-unitajiet tat-tħaffir mobbli (MODU) 11
5 KONKLUŻJONIJIET U SEGWITU 13

Sommarju Eżekuttiv

Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore tindirizza r-riskju ta' aċċidenti li jirriżultaw mill-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Tindirizza wkoll mekkaniżmi sussegwenti ta' rispons u ta' rkupru jekk il-miżuri ta' prevenzjoni ma jirnexxux. Id-Direttiva tikkonċerna prinċipalment, għalkemm mhux b'mod esklużiv, is-16-il Stat Membru li fihom jitwettqu operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass bil-liċenzja.

Din l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva hija bbażata fuq diskussjonijiet intensivi mal-partijiet ikkonċernati, workshops, konsultazzjoni pubblika estensiva, flimkien mal-intuwitu u l-għarfien espert tal-Kummissjoni stess. L-ambitu tal-valutazzjoni jirrifletti d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u l-kwistjonijiet li tqajmu mill-partijiet ikkonċernati fil-fażi tat-tħejjija. L-analiżi turi li d-Direttiva tibbaża fuq l-aħjar prattiki internazzjonali eżistenti għall-kontroll tar-riskji u tejbet ir-rispons fir-rigward ta' emerġenzi possibbli fis-settur.

L-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva għall-Istati Membri kienet f'Lulju 2015, għalkemm l-arranġamenti tranżizzjonali għall-industrija kienu japplikaw sa Lulju 2018. In-notifiki tal-Istati Membri tar-regoli u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jindikaw li l-biċċa l-kbira tal-miżuri tad-Direttiva huma fis-seħħ. B'mod l-aktar fundamentali, l-industrija wettqet dmirijiet għall-ġestjoni tar-riskji, u għal kull installazzjoni offshore tfassal rapport dettaljat tar-riskji. Kull Stat Membru ħatar awtorità kompetenti esperta b'setgħat ta' sorveljanza wesgħin.

Il-Kummissjoni ppubblikat tliet rapporti annwali dwar is-sikurezza fl-UE kollha tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Dawn ir-rapporti u *data* oħra jippermettu li tiġi żviluppata linja bażi ta' prestazzjoni tar-riskju, għalkemm għadu kmieni wisq biex jiġu identifikati x-xejriet tal-prestazzjoni tas-sikurezza fis-settur offshore. Hemm indikazzjonijiet ċari li l-għanijiet tad-Direttiva qed jintlaħqu permezz tat-traspożizzjoni mill-Istati Membri. L-industrija u l-Istati Membri qed isegwu mill-qrib ir-rekwiżiti, għalkemm hemm xi differenzi fl-interpretazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet miftuħa jistgħu jiġu ttrattati fl-ambitu tal-protokolli ta' komunikazzjoni eżistenti, eż. permezz tal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea Responsabbli għall-Attivitajiet taż-Żejt u tal-Gass lil hinn mill-Kosta (EUOAG). Xi wħud oħrajn jiġġustifikaw aktar skrutinju, u s-suġġetti tal-obbligazzjoni finanzjarja u tal-mekkaniżmi ta' kumpens jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fil-parti l-kbira, l-Istati Membri u l-industrija laqgħu tajjeb l-introduzzjoni tad-Direttiva fil-kamp ta' applikazzjoni attwali tagħha, filwaqt li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) ambjentali huma aktar ċari fil-valutazzjoni tagħhom, u jitolbu li xi miżuri jsiru aktar stretti. Il-partijiet ikkonċernati kollha jindikaw il-profondità u l-intensità tal-bidliet li ġabet magħha d-Direttiva u lkoll jgħidu li hemm bżonn aktar żmien u monitoraġġ qabel ma jiġu kkunsidrati l-bidliet leġiżlattivi.

B'mod kumplessiv, ġew identifikati oqsma possibbli għal aktar xogħol fuq is-suġġetti ta' responsabbiltà u ta' kumpens, ir-rikonoxximent reċiproku ta' unitajiet tat-tħaffir mobbli fil-ġurisdizzjonijiet differenti tal-Istati Membri, u t-tneħħija ta' pjattaformi ta' produzzjoni fissi.

1 INTRODUZZJONI

Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore tistabbilixxi rekwiżiti minimi għas-sikurezza, il-ħarsien tal-ambjent u r-rispons f'każ ta' emerġenza fl-UE kollha. Din daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2013. L-Istati Membri tal-UE ntalbu jittrasponu d-Direttiva f'regoli u f'regolamenti nazzjonali sad-19 ta' Lulju 2015, filwaqt li l-perjodi tranżizzjonali għall-industrija kienu japplikaw sad-19 ta' Lulju 2018.

L-Istati Membri kollha ddikjaraw li kienu ttrasponew id-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni wettqet kontroll tal-miżuri leġiżlattivi nazzjonali tal-Istati Membri biex tivvaluta l-kompletezza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva.

2 SFOND TAL-INTERVENT

Skont l-Artikolu 40 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, il-Kummissjoni trid tivvaluta l-esperjenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li tqis l-isforzi u l-esperjenzi tal-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk id-Direttiva, kif implimentata mill-Istati Membri, kisbitx l-objettivi tal-iżgurar ta' operazzjonijiet sikuri u l-evitar ta' aċċidenti kbar jew numru esaġerat ta' inċidenti. Il-Kummissjoni mbagħad hija meħtieġa tressaq rapport lill-Parlament Ewropew (PE) u lill-Kunsill bir-riżultati tal-valutazzjoni.

Filwaqt li tieħu l-objettivi tad-Direttiva bħala parametru referenzjarju, speċifikament l-istabbiliment ta' livelli adegwati ta' sikurezza għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u l-ħarsien tal-ambjent, il-Kummissjoni vverifikat jekk:

- l-objettivi ewlenin tad-Direttiva ntlaħqux, u jekk le, jekk emenda għad-Direttiva jew inizjattivi legali oħra humiex xierqa;
- hemmx xi lakuna fil-leġiżlazzjoni li jeħtieġ li tiġi indirizzata għat-titjib tal-livell ta' sikurezza fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore;
- ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva jimponux piżijiet żejda fuq l-Istati Membri jew fuq l-industrija u jekk it-tneħħija tagħhom għandhiex tiġi kkunsidrata;
- id-Direttiva armonizzatx b'mod suffiċjenti l-istruttura regolatorja u l-livell ta' sikurezza fl-operazzjonijiet offshore kollha tal-UE, b'mod proporzjonat mal-livelli ta' attivitajiet tal-Istati Membri;
- id-Direttiva hijiex effettiva, effiċjenti, koerenti, rilevanti u tipprovdix valur miżjud suffiċjenti lill-UE.

3 METODU

Il-Kummissjoni wettqet l-analiżi tagħha bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' kanali ta' informazzjoni. Sabiex tinġabar firxa ta' esperjenzi bid-Direttiva, kemm l-esperti kif ukoll il-pubbliku inġenerali ntalbu jikkontribwixxu għall-bażi tal-għarfien. Min-naħa tal-esperti, il-Kummissjoni użat l-EUOAG, stabbilit b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni[1]. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri rrappreżentati fl-EUOAG iwettqu s-sorveljanza regolatorja tal-attivitajiet taż-żejt u tal-gass offshore u kwistjonijiet ta' politika relatati.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2012 dwar it-twaqqif tal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea. ĠU C 18/8, 21.1.2012.

Sabiex tikkompleta l-bażi tal-għarfien, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika wiesgħa bbażata fuq kwestjonarju komprensiv rigward id-Direttiva kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni[2] dwar ir-rappurtar tal-aċċidenti. Il-partijiet interessati kollha, inkluż in-negozji u l-entitajiet pubbliċi, intalbu jipprovdu fehmiet u kummenti. L-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet industrijali kkondividew *data* dettaljata mal-Kummissjoni, filwaqt li l-NGOs ikkontribwew b'mod attiv fid-diskussjonijiet.

Il-Kummissjoni ħadet nota tal-esperjenzi tal-Istati Membri li implimentaw id-Direttiva, tal-esperjenzi tal-awtoritajiet kompetenti li infurzaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, kif ukoll tal-esperjenzi tas-sidien u tal-operaturi tal-installazzjonijiet offshore li ħadmu skont l-oqfsa legali nazzjonali.

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni u jiffoka fuq oqsma possibbli għal segwitu. Jakkumpanjah dokument ta' ħidma tal-persunal (SWD) li jiggwida lill-qarrej b'mod sistematiku permezz tal-valutazzjoni tal-artikoli tad-Direttiva. Xi oqsma msemmija hawn taħt jista' jistħoqqilhom aktar analiżi bil-ħsieb li jiġu żviluppati emendi futuri possibbli jew tiġi stabbilita leġiżlazzjoni ġdida.

4 ANALIŻI

4.1 Implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni wriet li l-kwalità u l-livell kumplessiv tal-kompletezza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore fl-Unjoni Ewropea huma sodisfaċenti. Madankollu, l-integrità u l-kwalità tal-implimentazzjoni miksuba mill-Istati Membri jvarjaw b'mod sinifikanti. L-Istati Membri ħadu approċċi differenti biex jimplimentaw id-Direttiva. Dan ir-rapport jiffoka fuq dawk l-artikoli tad-Direttiva li għandhom l-akbar impatt fuq is-sikurezza offshore. L-SWD li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi dettalji addizzjonali dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' kull wieħed mill-artikoli tad-Direttiva mill-Istati Membri.

4.2 Parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-ħruġ ta' oqsma ġodda għall-ħruġ ta' liċenzji

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-Istati Membri jippubblikaw gwida biex jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-konsultazzjonijiet. L-arranġamenti magħmula mill-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jiġu kkonsultati jistgħu jkunu kunfidenti li l-fehmiet tagħhom jitqiesu b'mod xieraq fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva biex tiġi stimulata l-konsultazzjoni pubblika huma adattati u suffiċjenti.

4.3 Assenjazzjoni tal-awtorità kompetenti

Jidher li l-miżuri fid-Direttiva dwar l-assenjazzjoni ta' awtorità kompetenti huma xierqa għall-iskop maħsub. Madankollu, hemm nuqqas ta' ċarezza rigward jekk l-indipendenza ta' dawn l-awtoritajiet mill-interessi ekonomiċi ta' dipartimenti oħra ta' amministrazzjonijiet tal-Istati Membri tkunx inkisbet b'mod suffiċjenti u xieraq fil-pajjiżi

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2014. ĠU L 302/1, 22.10.2014.

kollha. Minħabba l-importanza tas-sikurezza u tal-ħarsien tal-ambjent fil-ġestjoni tal-ispazju tal-baħar, l-indipendenza tal-ġudizzju tal-awtoritajiet kompetenti offshore hija kwistjoni ta' interess pubbliku.

4.4 Verifika indipendenti tal-operazzjonijiet ta' sikurezza barra mill-UE

Jidher li mhija meħtieġa l-ebda bidla fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-verifika indipendenti ta' installazzjonijiet u bjar kif implimentati mill-Istati Membri. Għall-ottimizzazzjoni tal-aħjar prattika, ikun utli li tingħabar il-gwida kollha disponibbli tal-industrija u tar-regolaturi, u li din tinxtered permezz tal-EUOAG.

Il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rekwiżiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relatati mal-operazzjonijiet tas-sikurezza 'l barra mill-UE huma xierqa. Madankollu, l-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tas-sikurezza minn operaturi bbażati fl-UE fl-attivitajiet extra-Ewropej tagħhom jibqa' suġġett għall-kollaborazzjoni tal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jeżaminaw il-mekkaniżmi li huma jużaw biex jivverifikaw l-effettività tal-operaturi fil-ġestjoni tas-sikurezza matul l-operazzjonijiet globali tagħhom.

4.5 Arranġamenti għall-involviment tal-ħaddiema fil-prevenzjoni ta' aċċidenti kbar, relatati mal-protezzjoni tal-informaturi u l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni tripartitika

Il-funzjonament tal-mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tar-rappurtar huwa xieraq, diment li jiffaċilitaw lill-ħaddiema biex jikkuntattjaw direttament lill-awtorità kompetenti fiż-żona tagħhom. Mhu ssuġġerit l-ebda tibdil fl-arranġamenti, għalkemm l-awtoritajiet kompetenti u l-EUOAG jenħtieġ li jibqgħu riċettivi għal pariri mingħand it-trade unions u mingħand rappreżentanti tal-ħaddiema oħrajn dwar il-funzjonament tal-arranġamenti madwar l-UE.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li hemm appoġġ konsiderevoli għall-miżuri relatati mal-konsultazzjoni tripartitika, u li qed tiżviluppa kultura tripartitika. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni ma tarax il-ħtieġa ta' xi tibdil.

4.6 Trasparenza dwar ir-rappurtar tal-inċidenti – ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rappurtar tal-aċċidenti

Abbażi tad-Direttiva, il-Kummissjoni ħarġet att delegat, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rappurtar tal-aċċidenti. Dan kopra kemm ir-rappurtar mill-operaturi u mis-sidien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif ukoll ir-rappurtar mill-awtoritajiet kompetenti lill-Kummissjoni u lill-pubbliku. Din is-sistema tobbliga b'mod strett lill-partijiet kollha, lid-detenturi tad-dmirijiet, lill-Istati Membri, u lill-Kummissjoni biex jiġbru l-inċidenti li jikkwalifikaw kollha li jseħħu fl-ilmijiet tal-UE (inklużi dawk li kważi seħħew).

Wara l-pubblikazzjoni tar-rapporti għall- 2016, għall-2017 u għall-2018, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sistema ta' rappurtar ta' inċidenti madwar l-UE kollha tirrappreżenta progress sinifikanti fit-trasparenza tas-settur minn perspettiva globali. Bħas-snin ta'

qabel, fl-2018 ma ġie rrappurtat l-ebda każ ta' mewt, iżda seħħew 10 korrimenti u 17-il korriment serju. Skont ir-rapporti tal-awtoritajiet kompetenti, in-numru ta' aċċidenti żdied b'mod sinifikanti fir-Renju Unit, u dan jirrikjedi kemm analiżi fil-fond tal-kawżi kif ukoll miżuri ta' segwitu mill-awtorità kompetenti. Il-Kummissjoni se tfittex kooperazzjoni mar-Renju Unit biex terġa' ġġib il-prestazzjoni tas-sikurezza lura għal-livell tas-snin reċenti.

Il-partijiet kollha huma meħtieġa li jkomplu jiżguraw l-effettività tas-sistema, jiġifieri rappurtar sħiħ, fil-pront u akkurat. Attwalment, it-tassonomija użata jidher li hija adattata. L-EUOAG irid jimmonitorja s-sistema, jaħdem bħala l-interlokutur mas-soċjetà ċivili u jiżgura aġġustamenti tas-sistema maż-żmien f'konformità ma' żviluppi teknoloġiċi ġodda. Fejn il-partijiet ikkonċernati jistgħu jiġġustifikaw tali aġġustamenti, l-EUOAG u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu infurmati.

4.7 Thejjija għall-emerġenzi u arranġamenti għar-rispons

Ir-rekwiżiti għal pjanijiet interni ta' rispons f'każ ta' emerġenza minn operaturi u sidien jidher li qed jaħdmu kif suppost. Il-Kummissjoni ma tissuġġerixxi l-ebda bidla fl-arranġamenti attwali. Huwa mistenni li r-regolaturi u s-sħab soċjali se jirrakkomandaw eżerċizzji aktar komprensivi, inkluż aspetti trasfruntiera, minbarra l-ittestjar tal-arranġamenti li jkunu diġà għamlu. L-awtoritajiet regolatorji xierqa fl-Istati Membri jridu jieħdu interess mill-qrib fl-effettività tal-pjanijiet ta' rispons f'każ ta' emerġenza bbażati fuq l-installazzjoni.

Il-Kummissjoni bdiet tevalwa l-konformità tal-pjanijiet nazzjonali ta' rispons f'każ ta' emerġenza tal-Istati Membri mad-Direttiva, kif ukoll bdiet tgħin lill-Istati Membri fit-titjib u fl-aġġornament tal-pjanijiet esterni ta' rispons f'każ ta' emerġenza tagħhom. Huwa ppjanat li jiġu mħeġġa eżerċizzji transfruntiera bejn il-pajjiżi ġirien li għandhom kosta.

Ikun utli għall-Kummissjoni u għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) li jwettqu valutazzjonijiet ta' eżerċizzji fl-Istati Membri biex jipprovdu bażi reġjonali rappreżentattiva għall-valutazzjoni tal-effettività tal-kooperazzjoni transkonfinali.

4.8 Disponibbiltà ta' penali dissważivi għall-ksur tad-dmirijiet

Il-Kummissjoni tinnota li l-Istati Membri japplikaw ħafna approċċi differenti għall-prosekuzzjoni ta' reati u ksur tad-dmirijiet. Fir-rigward tal-politika u l-proċedura tal-liġi ċivili u kriminali, ma hemm l-ebda rakkomandazzjoni biex jiġu kkunsidrati l-bidliet fid-Direttiva.

Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw politiki li jgħollu l-livell tal-penali finanzjarji għall-ksur tad-dmirijiet. Dan biex jiġu żgurat li l-penali jkunu xierqa fir-rigward l-interess pubbliku u l-konsegwenzi potenzjali ta' aċċident kbir fl-ilmijiet tal-UE, irrispettivament mil-livell ta' eskalazzjoni fl-aċċident ikkonċernat.

Skont id-Direttiva, l-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji diġà huma meħtieġa jqisu l-prestazzjoni tal-applikanti fir-rigward tal-prevenzjoni ta' aċċidenti kbar. Filwaqt li l-Kummissjoni tapprezza li reċentament ma kien hemm l-ebda aċċident diżastruż, l-

awtoritajiet kompetenti huma mħeġġa, skont id-Direttiva, jipprovdu pariri esperti indipendenti fiċ-ċikli kollha ta' liċenzji.

4.9 Responsabbiltà, talbiet għal kumpens u garanzija finanzjarja tal-produtturi taż-żejt u tal-gass offshore

4.9.1 **Responsabbiltà**

L-Artikolu 39 tad-Direttiva jitlob lill-Kummissjoni tabbozza rapporti lill-PE u lill-Kunsill dwar ir-responsabbiltà, il-kumpens ta' pretensjonijiet wara aċċidenti, il-garanzija finanzjarja tad-detenturi tal-liċenzji li joperaw offshore, u l-utilità li tiġi applikata l-liġi kriminali. Fl-2015, il-Kummissjoni ressqet dawn ir-rapporti flimkien ma' SWD li kien jinkludi analiżi fil-fond kif mitlub mid-Direttiva.

Fl-aħħar tal-2016, filwaqt li qies ir-rapporti tal-Kummissjoni, il-PE adotta riżoluzzjoni[3] li tittratta dawn is-suġġetti. Permezz tat-talba għal analiżi addizzjonali fil-fond qabel xi leġiżlazzjoni ġdida possibbli, il-PE ta bidu għall-eżami ta' diversi oqsma fil-kuntest tar-responsabbiltà, li huwa kkunsidra li fuq il-livell tal-UE kienu rregolati b'mod inkonsistenti.

B'referenza għar-rekwiżiti tar-rapportar tal-Artikolu 40, il-PE talab lill-Kummissjoni tikkunsidra l-proposti u s-suġġerimenti fir-riżoluzzjoni tiegħu meta tabbozza r-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Il-Kummissjoni qablet u hawn taħt tippreżenta l-aspetti ewlenin.

Ir-regoli u l-leġiżlazzjoni dwar ir-responsabbiltà jvarjaw b'mod konsiderevoli, u dan jirrifletti d-differenzi fl-iżviluppi kulturali u storiċi fl-Istati Membri. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà jista' jkollhom impatt kbir u kost potenzjali wara aċċident, li jinfluwenzaw il-mod kif l-impriżi joperaw f'ġurisdizzjonijiet differenti. B'mod ġenerali, meta kienu qed jimplimentaw id-Direttiva, l-Istati Membri ma inkludewx dispożizzjonijiet speċifiċi għar-responsabbiltà, il-garanzija finanzjarja u t-talbiet għal kumpens. Jidher li dawn is-suġġetti huma normalment indirizzati minn liġijiet applikabbli fuq livell usa'.

Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-reġimi ta' responsabbiltà stretta u dawk ibbażati fuq negliġenza (ibbażati fuq it-tort). Responsabbiltà stretta tfisser li l-parti responsabbli identifikata tista' tkun responsabbli għal pagamenti ta' kumpens, anke jekk tkun applikat ir-regoli u l-miżuri ta' sikurezza kollha. Madankollu, responsabbiltà bbażata fuq negliġenza tista' twassal għal kumpens finanzjarju biss fil-każ li aċċident ikun ikkawżat minn negliġenza serja jew.

Ir-regoli tal-Istati Membri dwar il-pagamenti ta' responsabbiltà u ta' kumpens jistgħu jwasslu għal tariffi differenti ħafna għall-operaturi u għas-sidien ta' installazzjonijiet offshore. Dawn jiddependu fuq prinċipji possibbli differenti:

[3] Responsabbiltà, kumpens u garanzija finanzjarja għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Ir-Riżoluzzjoni tal-PE tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar ir-responsabbiltà, il-kumpens u l-garanzija finanzjarja għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore (2015/2352(INI)). ĠU C 224, 27.06.2018, p. 157

Qafas ġenerali:

- Jistgħu japplikaw regoli speċifiċi għas-settur, speċifiċi offshore jew ġenerali.
- Xi Stati Membri ma stabbilewx b'mod ċar leġiżlazzjoni dwar ir-responsabbiltà, li f'dak il-każ hija soġġetta għas-sentenzi tal-qrati nazzjonali.

Karatteristiċi speċifiċi:

- Responsabbiltà tad-detentur tal-liċenzja, kif mitlub mid-Direttiva. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (għalkemm mhux kollha) implimentaw din id-dispożizzjoni essenzjali.
- Responsabbiltà stretta vs responsabbiltà bbażata fuq negliġenza. Xi Stati Membri stabbilew responsabbiltà bbażata fuq negliġenza, bl-oneru tal-provi għan-negliġenza jew fuq il-konvenut (eż. is-sid tal-installazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore) jew fuq ir-rikorrent (eż. il-gvern li qed jitlob it-tindif tal-ilma u tal-bajjiet).
- Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, impriża responsabbli għal aċċident trid tħallas kumpens ukoll għat-tniġġis ambjentali, flimkien ma' kumpens għal korrimenti fiżiċi u danni għall-proprjetà.
- F'xi Stati Membri jista' japplika wkoll kumpens għal telf purament ekonomiku (eż. għas-sajjieda).
- F'ċerti Stati Membri, il-korrimenti fiżiċi u d-danni għall-proprjetà biss huma soġġetti għal kumpens finanzjarju.

Fil-qosor, ir-reġimi applikabbli jvarjaw b'mod sostanzjali bejn l-Istati Membri, u kull wieħed japplika taħlita ta' dispożizzjonijiet speċifiċi u uniċi. Barra minn hekk, il-partijiet tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà u l-ġestjoni tat-talbiet għal kumpens mhux dejjem ġew implimentati għalkollox. Dan wassal biex il-Kummissjoni tvara djalogu ta' qabel il-ksur mal-Istati Membri kkonċernati. Flimkien magħhom, il-Kummissjoni tista' tesplora jekk reġim uniformi, pereżempju fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà stretta tal-operaturi u tas-sidien ta' installazzjoni li jmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi tad-Direttiva, ikunx ta' benefiċċju għas-sikurezza tal-operazzjonijiet offshore u s-segwitu tal-aċċidenti.

4.9.2 **Trattament tat-talbiet għal kumpens**

Skont l-Artikolu 4(3), il-punti 4 u 5, "L-Istati Membri għandhom, bħala minimu, jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw il-ġestjoni fil-pront u adegwata tat-talbiet għall-kumpens inkluż fir-rigward ta' pagamenti ta' kumpens għal inċidenti transkonfinali. L-Istati Membri għandhom jobbligaw lid-detenturi tal-liċenzja li jżommu kapaċità suffiċjenti biex jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom li jirriżultaw mir-responsabbiltajiet għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass".

Skont notifiki li waslu, ftit ħafna mill-Istati Membri jipprovdu regoli speċifiċi dwar kumpens għal danni kkawżati minn aċċidenti offshore. F'dawn l-Istati Membri, il-leġiżlazzjoni tirrikjedi li d-detenturi tal-liċenzja jistabbilixxu proċedura li tiżgura trattament fil-pront u adegwat tat-talbiet għal kumpens. Din il-proċedura hija soġġetta għal approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jridu jippubblikaw informazzjoni adegwata.

Ħafna Stati Membri għandhom leġiżlazzjoni orizzontali fis-seħħ biex jiżguraw kumpens malajr tad-danni kkawżati minn partijiet terzi. Meta aċċident jiġi ddikjarat bħala diżastru nazzjonali, jistgħu jiġu applikati proċeduri aktar rapidi. Xi Stati Membri ma jipprovdux regoli speċifiċi għall-kumpens għal danni minn aċċidenti industrijali iżda jinkludu regoli ġenerali ta' kumpens fil-liġi ċivili tagħhom.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma indirizzawx speċifikament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4, iżda minflok applikaw regoli li kienu stabbiliti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva.

4.9.3 **Implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-effettività tar-regoli tagħhom**

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 4, li jinkludi dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza u kunsiderazzjonijiet ambjentali, l-Istati Membri kellhom diffikultajiet biex jiżguraw implimentazzjoni suffiċjenti. Madankollu, il-leġiżlazzjoni nazzjonali orizzontali u l-ġurisprudenza maħruġa mill-qrati jistgħu jiżguraw li fil-fatt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 jiġu applikati.

L-Istati Membri iridu, bħala minimu, jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw il-ġestjoni fil-pront u adegwata tat-talbiet għal kumpens, inkluż fir-rigward ta' pagamenti ta' kumpens għal inċidenti transkonfinali. Minħabba n-nuqqas ta' aċċidenti kbar li jinvolvu danni konsiderevoli, il-Kummissjoni ma tistax attwalment tivvaluta għalkollox l-effettività tal-implimentazzjoni ta' din il-parti tal-Artikolu 4.

Skont id-Direttiva, meta tiġi vvalutata l-kapaċità teknika u finanzjarja tal-applikant għal liċenzja, il-kapaċitajiet finanzjarji tal-applikant iridu jitqiesu b'mod xieraq biex ikopru responsabbilitajiet li jirriżultaw minn operazzjonijiet offshore. Madankollu, minkejja l-importanza ta' din id-dispożizzjoni, tmienja mis-16-il Stat Membru b'esplorazzjoni jew produzzjoni ma implimentawx għalkollox jew b'mod korrett il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Skont l-Artikolu 4(3), l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-awtorità tal-ħruġ ta' liċenzji ma tagħtix liċenzja sakemm ma tkunx sodisfatta bl-evidenza mill-applikant li dan ikun għamel jew se jagħmel provvediment adegwat biex ikopri r-responsabbiltajiet. Sitt Stati Membri ma ttrasponewx din il-parti tad-Direttiva b'mod adegwat biżżejjed.

Minn meta l-Istati Membri bdew ikunu meħtieġa jirrappurtaw l-aċċidenti lill-Kummissjoni (mill-2016), ma seħħ l-ebda aċċident kbir f'installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore li involva tniġġis jew danni serji. Bħala riżultat, la esperjenzi prattiċi u lanqas eżempji tal-kapaċità finanzjarja ta' operaturi/sidien ta' biex jindirizzaw it-talbiet għal kumpens ta' skala kbira u numerużi mhuma disponibbli.

Ta' min ifakkar li l-Istati Membri implimentaw id-Direttiva tard, u l-perjodi tranżizzjonali għall-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali għall-industrija baqgħu validi sa Lulju 2018. Minħabba n-nuqqas ta' esperjenza attwali dwar l-effettività tad-Direttiva fil-prattika, kwalunkwe proposta għal inizjattivi legali, kif imsemmi fl-Artikolu 40(2) tad-Direttiva, jidher li hija prematura.

4.10 Dekummissjonar tal-installazzjonijiet

4.10.1 Id-Direttiva u d-dekummissjonar

Reġim offshore jkopri ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni u ta' produzzjoni mid-disinn sad-dekummissjonar u l-abbandun permanenti (il-Premessa 24 tad-Direttiva). Għaldaqstant, id-Direttiva tapplika wkoll għad-dekummissjonar inizjali ta' installazzjoni[4].

L-approvazzjoni tar-rapport dwar perikli kbar (RoMH) li jrid jiġi ppreżentat minn detentur tal-liċenzja għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore (l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva) tirrikjedi li l-ġestjoni tar-riskju tqis l-istadji rilevanti kollha fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjoni. Dan jinkludi l-antiċipazzjoni tas-sitwazzjonijiet prevedibbli kollha, inkluż kif se jsir id-dekummissjonar tal-installazzjoni (l-Anness III, il-punt 3(v) tad-Direttiva). Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tivvaluta l-pjan għad-dekummissjonar qabel ma tagħti awtorizzazzjoni biex tinbeda l-produzzjoni taż-żejt u tal-gass.

Meta tittieħed deċiżjoni għad-dekummissjonar ta' installazzjoni tal-produzzjoni fissa, jenħtieġ li jiġi prodott RoMH emendat jekk ma tkun twettqet l-ebda valutazzjoni inizjali jew jekk il-kundizzjonijiet ikunu nbidlu. Ir-rapport RoMH jenħtieġ li bħala minimu jinkludi deskrizzjoni tar-riskji ta' perikli kbar assoċjati mad-dekummissjonar tal-installazzjoni (l-Anness I tad-Direttiva, il-punt 6(4)(b)).

Minn dan jirriżulta li d-dekummissjonar huwa soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, li jistgħu jirrikjedu miżuri u proċeduri biex jiżguraw dekummissjonar sikur. B'kuntrast għal dan, id-Direttiva ma tistipulax jekk l-operatur/is-sid jenħtieġx li jneħħi l-pjattaforma, sa liema punt, jew kif. Id-Direttiva tindirizza biss aspetti possibbli ta' sikurezza rilevanti għat-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja, iżda mhux tħassib ambjentali ieħor wara d-dekummissjonar.

4.10.2 Il-Konvenzjoni ta' Oslo u ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR)

Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni speċifika tal-UE dwar iż-żarmar tal-pjattaformi offshore, ir-regoli OSPAR[5] dwar id-dekummissjonar jipprovdu mudell għall-Partijiet Kontraenti tagħha biex jiddeċiedu dwar it-talbiet tal-operaturi/tas-sidien għad-dekummissjonar. Dawn ir-regoli japplikaw għall-Istati Membri kollha b'operazzjonijiet offshore, jiġifieri Spanja, in-Netherlands, il-Ġermanja, id-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda[6]. Ir-regoli OSPAR jistgħu jservu wkoll ta' eżempju għall-Istati Membri li jkunu qed jippreparaw deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni. Madankollu, fl-OSPAR, Parti Kontraenti tista' titlob

[4] Id-definizzjoni tad-Direttiva ta' "operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore" ssaħħaħ din il-fehma: ""operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore" tfisser l-attivitajiet kollha relatati ma' installazzjoni jew ma' infrastruttura konnessa, inkluż id-disinn, l-ippjanar, il-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar tagħha, relatati mal-esplorazzjoni u mal-produzzjoni taż-żejt jew tal-gass bl-esklużjoni tat-trasport taż-żejt u tal-gass minn kosta għal oħra".

[5] Id-Deċiżjoni OSPAR 98/3 tal-1998 dwar id-disponiment ta' installazzjonijiet offshore li ma għadhomx jintużaw.

[6] Il-Konvenzjoni ġiet iffirmata u rratifikata mill-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjonijiet oriġinali ta' Oslo jew ta' Pariġi (il-Belġju, id-Danimarka, l-Unjoni Ewropea, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit) flimkien mal-Lussemburgu u l-Iżvizzera.

deroga mid-dmir li żżarma installazzjoni. Ir-regoli OSPAR ma japplikawx għal Stati Membri tal-UE b'attivitajiet offshore fil-Baħar Baltiku, fil-Mediterran, jew fil-Baħar l-Iswed[7].

4.10.3 **Konklużjonijiet u opzjonijiet biex wieħed jipproċedi**

Skont id-Direttiva, l-operaturi tal-installazzjonijiet huma meħtieġa jippreżentaw RoMH emendat lill-awtorità kompetenti li jindirizza l-aspetti kollha tad-dekummissjonar (eż. bjar, strutturi, materjali perikoluż). L-operatur ma jitħalliex jipproċedi bl-operazzjonijiet maħsuba sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx aċċettat l-RoMH emendat. Qabel id-dekummissjonar huma meħtieġa ħafna kunsensi u awtorizzazzjonijiet oħrajn mill-Istat Membru. Ladarba jitlesta d-dekummissjonar u ladarba jitneħħew l-istrutturi, id-Direttiva ma tibqax tapplika, peress li ma hemm l-ebda attività rilevanti skont id-Direttiva. Madankollu, jibqgħu japplikaw kundizzjonijiet oħra rigward ir-responsabbiltajiet tal-operaturi, inkluż għal stħarriġ dwar qiegħ il-baħar skont ir-regolamenti tal-ħruġ ta' liċenzji u leġiżlazzjoni nazzjonali oħra.

Id-Direttiva ma tgħid xejn dwar jekk struttura fissa għandhiex titneħħa parzjalment jew għalkollox u tattribwixxi/tiddelega r-responsabbiltà għall-valutazzjoni u għat-teħid ta' deċiżjoni lill-Istati Membri. Dan huwa konsistenti mal-għan tad-Direttiva li jiġu evitati aċċidenti, inkluż għall-ambjent. Pereżempju, jista' jintwera li r-riskji ta' tentattiv ta' tneħħija sħiħa ta' struttura huma inaċċettabbli bl-għarfien u bil-kapaċità teknika attwali, jew li r-riskji huma ogħla b'mod sinifikanti minn dawk ta' tneħħija parzjali.

Għalhekk, id-deċiżjoni dwar l-ammont ta' tneħħija titħalla għal partijiet oħra tal-qafas legali tal-Istati Membri, u d-Direttiva tiġi applikata biex jiġi żgurat li r-riskji ta' aċċidenti kbar ikunu baxxi kemm jista' jkun għall-metodu magħżul.

Jidher li hemm bżonn ta' analiżi ulterjuri fir-rigward tal-issiġillar permanenti tal-bjar. Huwa vitali li l-pubbliku jkun kunfidenti għalkollox li l-awtorità kompetenti hija kompletament ħielsa mir-restrizzjonijiet meta teżerċita l-funzjoni tagħha li taċċetta valutazzjonijiet tar-riskju għall-abbandun permanenti tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni. Jidher utli wkoll li l-Istati Membri jadottaw obbligi aktar trasparenti mill-konvenzjonijiet rilevanti fil-politika leġiżlattiva tagħhom.

Fl-istadju attwali ta' analiżi, il-Kummissjoni tara valur miżjud potenzjali fl-esplorazzjoni ta' jekk ikunx utli li d-Direttiva tiġi emendata biex jinħolqu standards addizzjonali għall-grad ta' tneħħija, kif ukoll dwar wara d-dekummissjonar.

4.11 Rikonoxximent reċiproku tal-unitajiet tat-tħaffir mobbli (MODU)

Hemm diviżjoni wiesgħa bejn l-industrija u r-regolaturi rigward ir-rikonoxximent reċiproku ta' riggijiet mobbli, jiġifieri jekk u kif l-Istati Membri jenħtieġx li jaċċettaw valutazzjonijiet tar-riskju ta' installazzjoni approvati minn Stat Membru ieħor, skont id-Direttiva. Madankollu, il-Kummissjoni sa issa ma setgħet tidentifika l-ebda

[7] Hemm ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali oħrajn fis-seħħ li huma rilevanti għall-installazzjonijiet offshore. Ix-xogħlijiet ewlenin huma l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1958 dwar il-Blata Kontinentali, il-Konvenzjoni ta' Basilea tal-1989 dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom, il-Konvenzjoni ta' Helsinki tal-1992 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar fiż-Żona Baltika u l-Protokoll tal-1994 dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġis Ikkaġunat mill-Esplorazzjoni u l-Isfruttament tal-Blata Kontinentali, Qiegħ il-Baħar u s-Sottoswol tiegħu.

ġustifikazzjoni teknika biex Stat Membru jinsisti fuq it-twettiq ta' valutazzjoni dettaljata oħra fi żmien ħames snin mill-approvazzjoni tal-MODU minn Stat Membru ieħor.

Dan in-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku jidher li jmur kontra l-prinċipji tas-suq uniku. Il-Kummissjoni se żżomm din is-sitwazzjoni taħt rieżami. Ikun utli li l-Istati Membri kkonċernati jipprovdu studju tekniku u legali tal-każ li juri l-validità tal-argument tagħhom. Jenħtieġ li l-industrija tipprovdi wkoll informazzjoni li turi każijiet fejn, fil-fehma tagħha, ġew imposti piżijiet amministrattivi bla bżonn.

5 KONKLUŻJONIJIET U SEGWITU

L-analiżi tal-Kummissjoni wriet il-punti b'saħħithom u dawk dgħajfin tad-Direttiva kif implimentata mill-Istati Membri u kif użata fil-prattika. Is-sejbiet kienu fil-biċċa l-kbira pożittivi. Il-benefiċċji potenzjali f'termini ta' aċċidenti evitati jaqbżu bil-kbir il-kost tal-implimentazzjoni u l-aġġustamenti meħtieġa fl-installazzjonijiet offshore.

Ir-rapport dwar l-esperjenzi fl-implimentazzjoni tad-Direttiva jkopri l-perjodu mid-data meta l-Istati Membri implimentaw id-Direttiva sa tmiem l-arranġamenti tranżizzjonali għall-industrija. Minn din il-valutazzjoni jirriżulta li kemm id-Direttiva kif ukoll il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri jindirizzaw b'mod xieraq is-sikurezza offshore. Id-Direttiva b'mod ċar żiedet is-sikurezza tal-operazzjonijiet offshore, mhux biss fl-Unjoni Ewropea iżda wkoll f'partijiet oħra tad-dinja permezz tal-politika u l-kultura tas-sikurezza globali tal-impriżi tal-UE.

Fl-istess ħin, id-Direttiva armonizzat ir-regoli fl-Istati Membri u ħolqot kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni madwar l-UE. Skont il-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, id-Direttiva tindirizza b'mod ċar u strutturat l-aspetti ta' sikurezza rilevanti kollha għall-prevenzjoni tal-aċċidenti u l-mezzi għall-mitigazzjoni tagħhom. Abbażi tad-Direttiva kif implimentata, l-Istati Membri fetħu kanali ta' komunikazzjoni diretti fuq is-suġġetti kollha rilevanti għas-sikurezza. L-Istati Membri jwettqu wkoll rieżamijiet regolari bejn il-pari, eż. permezz tal-EUOAG, u jikkondividu l-aħjar prattiki. Kemm l-Istati Membri kif ukoll il-partijiet ikkonċernati kienu ssodisfati bl-effettività tad-Direttiva, li saret applikabbli għalkollox għall-industrija offshore kollha mid-19 ta' Lulju 2018.

Skont il-Patt Ekoloġiku tal-UE, l-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-UE għandhom jaħdmu flimkien bl-objettiv li jgħinu lill-UE tikseb tranżizzjoni ta' suċċess u ġusta lejn futur sostenibbli. L-inizjattivi tagħha jridu jiġu implimentati bl-aktar mod effettiv u bl-inqas piż u l-inizjattivi l-oħrajn kollha tal-UE jridu jissodisfaw wegħda ekoloġika li "ma jikkawżawx danni". Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore tgħin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Il-valutazzjoni analizzat kif l-Istati Membri implimentaw id-Direttiva u wasslet konklużjonijiet dwar il-punti b'saħħithom, id-dgħufijiet, l-opzjonijiet u l-isfidi ta' dan il-proċess. B'mod kumplessiv, il-kwalità tat-traspożizzjoni kienet suffiċjenti, u l-Kummissjoni se ssegwi ċerti kwistjonijiet li fadal mal-Istati Membri individwalment[8].

Fil-forma attwali tagħha, id-Direttiva mhux dejjem tista' tiżgura l-prevenzjoni effettiva ta' aċċidenti 'l barra mill-UE. L-NGOs ambjentali esprimew il-fehma tagħhom li għalkemm l-esperjenza tal-implimentazzjoni kienet pożittiva, hemm bżonn protezzjoni akbar tal-ambjent u mekkaniżmi ta' responsabbiltà finanzjarja iktar b'saħħithom. Ir-regolaturi u d-detenturi primarji tad-dmirijiet iqisu li l-miżuri regolatorji ġodda u l-arranġamenti soġġettivi tal-industrija jeħtieġ li jiġu stabbilizzati qabel ma jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati xi żviluppi leġiżlattivi ulterjuri. Rapporti ulterjuri ta' inċidenti u ta'

[8] Pereżempju, jidher li l-livell ta' penali finanzjarji tal-Istati Membri għal ksur tad-dmirijiet mhuwiex adattat la għall-ħtieġa li jiġi ssodisfat l-interess pubbliku u lanqas għall-konsegwenzi potenzjali ta' aċċident kbar fl-ilmijiet tal-UE, irrispettivament mil-livell ta' eskalazzjoni fl-aċċident ikkonċernat. Huwa improbabbli li l-penali attwali se jkollhom effett sinifikanti fuq l-investituri jew fuq il-pubbliku.

informazzjoni fil-livell tal-UE se jikkonsolidaw il-linja bażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni u se jidentifikaw xejriet kritiċi fir-riskji ta' aċċidenti kbar. Jidher ċar li hemm perkors 'il fuq fil-kultura tas-sikurezza industrijali tal-UE.

Il-Kummissjoni beħsiebha ssegwi tliet oqsma:

(i) ir-responsabbiltà, il-garanzija finanzjarja u l-ġestjoni tat-talbiet għal kumpens;
(ii) id-dekummissjonar tal-installazzjonijiet, inkluż kwistjonijiet dwar jekk dawn jitneħħewx jew jitħallewx *in situ*, kif ukoll segwitu sussegwenti;
(iii) ir-rikonoxximent reċiproku ta' installazzjonijiet ta' tħaffir mobbli fl-UE.

Għas-segwitu dwar ir-responsabbiltà, il-garanzija finanzjarja, u l-ġestjoni tat-talbiet għal kumpens, jidher li hemm żewġ opzjonijiet disponibbli:

a. Analiżi ta' iktar esperjenza bid-Direttiva u valutazzjoni dwar jekk hemmx bżonn regoli u armonizzazzjoni addizzjonali tal-UE.

b. Twettiq ta' iktar riċerka u ta' valutazzjoni tal-impatt għal regoli armonizzati tal-industrija rigward ir-responsabbiltà, il-garanzija finanzjarja, u f'kuntest usa', għall-ġestjoni tat-talbiet għal kumpens[9].

Id-Direttiva ma tinkludix dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mir-rekwiżit ta' dekummissjonar b'mod sikur[10]. La tippreskrivi u lanqas tirrakkomanda ċerti proċessi jew gwida dwar meta u kif tista' tiżżarma installazzjoni, jew meta installazzjoni titħalla fejn hi. Barra minn hekk, l-effettività legali tad-Direttiva tintemm bid-dekummissjonar, peress li d-Direttiva ma tgħid xejn dwar monitoraġġ sussegwenti.

Għall-analiżi tagħha, il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni dwar id-dekummissjonar tal-pjattaformi ta' Brent fil-Baħar tat-Tramuntana. Apparentement, il-gvern tar-Renju Unit kien qed iħejji biex japprova l-pjanijiet ta' Shell biex tħalli balal tal-azzar u bażijiet tal-konkrit taħt tliet installazzjonijiet dekummissjonati tagħha tal-medda taż-żejt ta' Brent. Rigward l-aħjar opzjoni bħala soluzzjoni f'dan il-każ, il-membri OSPAR kellhom fehmiet differenti ħafna.

Għad-dekummissjonar ta' installazzjonijiet u għas-segwitu wara d-dekummissjonar, dawn l-opzjonijiet jidher li huma disponibbli:

a. Is-setgħat rigward id-deċiżjonijiet dwar id-dekummissjonar jibqgħu f'idejn l-Istati Membri, sakemm ma jintweriex li l-politiki nazzjonali, filwaqt li jieħdu nota tal-

[9] Diversi Stati Membri ma implimentawx għalkollox id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà, il-ġestjoni tat-talbiet għal kumpens u l-garanzija finanzjarja tad-detentur tal-liċenzja. Il-Kummissjoni beħsiebha ssegwi din il-kwistjoni individwalment mal-Istati Membri kkonċernati.

[10] Skont id-Direttiva, id-dekummissjonar tal-installazzjonijiet huwa element inerenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjonijiet. Setgħat biex jittrattaw dan l-aspett ġew iddelegati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li jitolbu u li jivvalutaw rapport ta' periklu kbir qabel l-awtorizzazzjoni. Dawn ir-rapporti jenħtieġ li jinkludu provvedimenti għat-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjoni. Hekk kif ikun previst id-dekummissjonar, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw rapport ta' periklu kbir aġġornat.

leġiżlazzjoni internazzjonali (eż. OSPAR), ma jistgħux jittrattaw din il-kwistjoni b'mod adegwat.

b. Il-Kummissjoni twettaq riċerka ulterjuri u valutazzjoni tal-impatt fir-rigward ta' regoli addizzjonali dwar dan is-suġġett, li jridu jiġu inklużi fid-Direttiva jew fil-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli.

Fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri ta' unitajiet tat-tħaffir mobbli, il-Kummissjoni tipproponi t-triq 'il quddiem li ġejja:

a. Jiġi vverifikat jekk ir-regoli eżistenti tal-UE humiex adegwati u tiġi żgurata l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni xierqa tagħhom.

b. Jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni addizzjonali tistax tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku ta' dawn l-installazzjonijiet u jiġu speċifikati l-kostijiet u l-benefiċċji, pereżempju permezz ta' valutazzjoni tal-impatt.

Il-Kummissjoni ħerqana li tirċievi l-fehmiet u l-kummenti rigward ir-rapport tagħha mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.